**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 20 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Avviz numru 79/02**

**Vincent Vella**

**vs**

**Ivan Farrugia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm197.75 (mija u seba u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-attur sid il-vettura Ibiza numru MIC-821 li filwaqt li fit-23 ta' Gunju 2001 kienet qed tinsaq minn Michael Vella kienet involuta f'incident stradali ma' vettura Mitsubishi Pajero numru FBH-967 misjuqa mill-konvenut ghall-liema incident kien unikament responsabbli l-

konvenut minhabba imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.  L-attur talab Lm196.75 (mija u sitta u disghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu) danni konsegwenzjali.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inluzi dawk ta' zewg ittri interpellatorji.

Ra n-nota ta' cessjoni prezentata fil-21 ta' Mejju, 2001 u nzamm ferm il-kap tal-ispejjes.

Ra li l-konvenut baqa ma ipprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Robert Mangion jikkonferma bil-gurament li l-ammont tal-ispejjes mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici ghall-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**